MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 98/2005/1

**Poultry Products Limited**

**vs**

**Gesmond *sive* Jesmond Sant u martu Rita Sant**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Frar, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Frar, 2005, fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,898.32), dovuta bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata mis-socejta'

attrici fil-fond “Save ‘n’ Smile” fuq struzzjonijiet taghhom stess.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Jesmond Sant fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenuti odjerni ghaddejjin prezentament proceduri ta’ separazzjoni personali, liema proceduri jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);
2. Illi hemm kontestazzjoni minn naha tal-konvenuta Rita Sant fil-proceduri ghas-separazzjoni personali li dawn l-ammonti huma dovuti minnha izda biss mir-ragel taghha l-konvenut l-iehor;
3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, jekk jigi deciz li dawn l-ammonti mitluba fl-avviz de quo huma dovuti, semmaj ghandhom jigu mhallsa nofs b’nofs bejn il-konvenuti stante li bejnithom kien u ghad hemm vigenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Sant (I.D. No. 151865M) fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m’ghandha ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Illi bla pregudizzju ghal dan, il-konvenut l-iehor, Jesmond Sant qatt ma gab l-awtorizazzjoni ta’ l-eccipjenti martu sabiex jidhol f’dejn ma’ terzi, u ghal dawn l-ahhar snin il-konvenuti kienu qed jghixu separati *de facto* minn xulxin.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali li tmur lura snin twal. Is-socjeta’ attrici kien tipprovdi merkanzija lill-konvenuti Jesmond Sant u martu Rita, li kienu joperaw *discount store* maghruf bl-isem ta’ “Save ‘n’ Smile”, fi Triq il-Pont, Mosta, fejn bejn il-partijiet kien hemm kont miftuh, kreditu illi kien pjuttost flessibbli favur il-konvenuti.

Jidher li l-konvenuti damu joperaw dan id-*discount store* sa’ Jannar, 2005. Izda l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ attrici waqfu ghall-habta ta’ Settembru, 2004. Irrizulta wkoll illi bejn il-konvenuti hemm disgwid personali u hemm proceduri ta’ separazzjoni bejnithom.

Il-konvenuta Rita Sant ma baqghetx aktar tattendi d-*discount store* mill-2003, fejn l-operazzjoni baqghet tigi gestita esklussivament mill-konvenut l-iehor Jesmond Sant. Dan mhuwiex kontestat minn dan ta’ l-ahhar, izda jghid li peress li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghadha vigenti bejn il-partijiet, allura l-konvenuta Rita Sant ghandha tkun responsabbli daqsu fil-hlas ta’ l-ammont dovut lis-socejta’ attrici.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi huwa l-*quantum* ma jidhirx illi huwa kontestat u z-zewg konvenuti qeghdin jargumentaw bejnithom min ghandu jhallas l-ammont indikat. Il-Qorti jidhrilha li m’ghandhiex tidhol fil-kwistjonijiet personali bejn il-partijiet. Hu x’inhu, zgur illi fil-perijodu ndikat fl-i*statement* a fol. 26, u cioe bejn it-28 ta’ Settembru, 2004 u l-25 ta’ Jannar, 2005, l-operazzjoni mis-“Save ‘n’ Smile” *discount supermarket*, kien qed tigi gestita esklussivament mill-konvenut Jesmond Sant, li presubilment huwa ha l-beneficcju kollu minn tali operazzjoni.

Xi hlasijiet illi setghu saru mill-konvenut Jesmond Sant lill-martu Rita, ghal fini ta’ manteniment hija rrelevanti ghal din il-kawza. Tajjeb jew hazin, l-operazzjoni kienet qed tigi gestita mill-konvenut Jesmond Sant, kien qed jiehu l-

beneficcju ta' tali operazzjoni u allura spetta lilu biex ihallas l-ammont indikat lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tillibera lill-konvenuta Rita Sant mill-osservanza tal-gudizzju, minghajr pregudizzju ghar-regim finanzjarju bejn il-konvenuti fis-separazzjoni ta' bejnithom, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut wahdu Jesmond Sant li jhallasha s-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,898.32), lis-socjeta' attrici dovuta bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata fuq struzzjonijiet tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut Jesmond Sant."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Gesmond Sant li talab ir-revoka taghha. Dan mhux ghar-raguni illi l-kanonizzazzjoni tal-kreditu tas-socjeta` attrici ma kienx gustifikat, una volta wkoll is-somma reklamata kienet ammessa minnu, imma biex din il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta martu, hekk liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u invece tiddikjara lil din ukoll, flimkien mieghu, responsabbli ghall-hlas ta' l-ammont pretiz. Huwa jadduci dan bl-assunt illi l-ewwel Qorti ma messhiex akkollatlu r-responsabilita` kompleta ghad-dejn ghax dan kien jaqa' fil-komunjoni ta' l-akkwisti vigenti bejnu u martu, anke jekk si trattava ta' debitu kkuntrattat fl-ezekuzzjoni tan-negozju tieghu, ex-Artikolu 1324, Kodici Civili;

Din il-Qorti tibda biex tirregistra b' osservazzjonijiet dan li gej:-

(1) Proceduralment, il-formulazzjoni ta' l-appellanti li talab ir-revoka tas-sentenza hi wahda mproprja. Hu kellu se mai jitlob ir-riforma taghha billi ma

kien hemm ebda kwestjoni illi, fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-mertu tat-talba attrici kien skontat. Fi kwalunkwe kaz tali difett ma jgibx in-nullita` ta' l-appell imma ghall-korrezzjoni tar-rikors ta' l-appell in bazi ghall-Artikolu 142 (5) u 175 (2) tal-Kapitolu 12. Ara "**Rosina Zerafa -vs- Giuseppina Zerafa *et***", Appell Civili, 30 ta' Jannar 1967 u "**Carmelo Meli -vs- Anthony Sammut *et***", Appell Kummercjali, 22 ta' Dicembru 1970;

(2) Hu pjuttost stramb illi l-appell propost qed isir mill-konvenut u mhux mis-socjeta` attrici. Dan qed jigi rilevat in kwantu s-solidarjeta` tal-kundanna ghall-hlas li ghaliha qed jaspira l-appellanti tmiss essenzjalment u b' mod dirett l-interessi kreditorji tas-socjeta` attrici. L-interess li jista' jkollu l-appellanti hu wiehed pjuttost indirett fil-likwidazzjonijiet interni bejnu u martu fil-proceduri tas-separazzjoni *in korso*;

Intant, u apparti dak hawn fuq rilevat, il-kwezit post ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti hu dak jekk l-obbligazzjoni assunta mill-appellanti kienetx wahda mposta personalment fuqu jew kienetx tax-xorta illi, kif kontez mill-appellanti, kienet taz-zewg konjugi konguntament *qua* kompartecipi f' regim ta' komunjoni ta' l-akkwisti. Ghall-ewwel Qorti s-soluzzjoni adoperata kienet dik illi, gjaladarba l-operazzjoni kienet qed tigi gestita mill-appellanti hu kien qed jiehu l-beneficcju taghha u allura l-hlas lis-socjeta` attrici kien jaggrava fuqu. Bir-rispett kollu, ghal din il-Qorti din hi deduzzjoni kemmxejn wahda semplicistika u ma taffrontax it-tematika kollha;

Mil-atti probatorji jinsab maqbul bejn l-appellanti u l-konvenuta martu illi huma kienu jmexxu flimkien negozju maghruf bhala "Save and Smile". Din il-gestjoni flimkien intemmet f' Lulju 2003 minhabba differenzi familjari bejn il-konjugi. L-appellanti kompla jmexxi n-negozju wahdu u jixtri l-merkanzija "*on credit*". Effettivament il-hlas mitlub mis-socjeta` attrici jirreferi ghall-konsenji li saru fl-2004 - 2005 (ara Statement a fol 26). Jirrizulta illi sakemm kienu ghadhom ko-gesturi kull wiehed mill-konjugi seta' jopera u

jaghmel il-pagamenti tax-xiri tal-prodotti mill-*account* ta' l-azjenda;

Jitnissel minn dawn il-fatti illi l-konjugi kellhom ko-gestjoni ta' l-azjenda konjugali fejn wiehed kien delegat ta' l-iehor ghal kompiment ta' din l-impriza, bil-gestjoni partecipattiva, amministrattiva u l-kontroll flimkien taghha. Jidher li wara Lulju 2003 din is-sitwazzjoni nbiddlet u l-appellanti beda jmexxi wahdu. Minn hawn 'il quddiem jidher li l-uniku stipulant ta' l-obbligazzjonijiet ta' l-azjenda sar ir-ragel. Issa mill-Artikolu 1001, Kodici Civili, in tema ta' effetti tal-kuntratti ghal terzi, jinsab provvdut illi "il-kuntratti ghandhom effetti bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi". Tinsorgi f' dan il-kaz id-domanda jekk dan il-principju jinsabx derogat bil-fatt illi l-obbligazzjoni kkuntrattata mill-appellanti kienet tali li ghas-sodisfaciment taghha kellha tigi adempita mill-fondi komuni ta' l-azjenda, hekk precedentement ko-gestita miz-zewg konjugi;

Logikament, jekk wiehed jaccetta t-tezi ta' l-ewwel Qorti illi l-obbligazzjoni giet ikkuntratta individwalment mill-appellanti allura t-terz kreditur li mieghu kkuntratta ma jistax in bazi ghall-Artikolu 1001 imsemmi jippretendi il-prestazzjoni tal-hlas anke mill-konjugi l-iehor mhux kontraenti. Jekk pero` l-obbligazzjoni giet ikkuntrattata fl-interess evidenti ta' l-azjenda komuni, it-terz kreditur jista' talvolta jivvanta drittijiet fil-konfront tal-konjugi li ma ppartecipax in kwantu din hi hekk passivament obbligata *in solidum*;

Kif taraha din il-Qorti, anke jekk ir-ragel baqa' jiggestixxi wahdu n-negozju, bil-kunsens tacitu ta' martu, kif inhu hekk prospettat mill-Artikolu 1324, Kodici Civili u kif hekk jirrizulta wkoll mill-korp tal-provi, dan ma jfisserx illi d-debitu ghandu jbatih hu personalment in kwantu f' din il-prospettiva tali debitu jassoggetta lill-komunjoni bir-responsabilita` patrimonjali ghall-hlas ta' din il-kategorija

ta' debiti, hekk maghmula mir-ragel fil-kors tan-negozju tieghu. Naturalment il-posizzjoni tal-konjugi li ma ppartecipax direttament tibqa' salvagwardata ghal dawk li huma l-beni parafernali taghha fit-termini ta' dak mahsub bl-Artikolu 1330, Kodici Civili;

S' intendi dan kollu hawn konsiderat jaghmel sens ghal finijiet tal-kawza kieku l-appell lil din il-Qorti gie lilha sottomess mill-kumpanija attrici kreditrici. Ghal fini li wiehed jasal ghal xi soluzzjoni diversa tal-kontroversja skond kif jixtieq l-appellanti, ma jidherx li huwa pertinenti, jew ghall-iskop tal-kawza, il-konsiderazzjonijiet zvolti minnu relattivi ghall-prezunta responsabilita tal-konjugi martu fil-konfront tas-socjeta` appellata. Se mai l-materja tista' tircievi attenzjoni jew f' kawza ta' rivalsa, jew fir-rapport intern bejn il-konjugi fil-kawza ta' separazzjoni. Dan fis-sens illi d-debitu hawn involut jitqies passivita` tal-komunjoni. La l-appell mhux qed isir mis-socjeta` attrici imma mill-appellanti, hu palesi li taht dan il-profil ic-censura tieghu hi nfondata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha superjorment maghmula, filwaqt li *marte proprio* tordna l-korrezzjoni tar-rikors ta' l-appell fis-sens li ghall-kelma "tirrevoka" tissostitwixxi ghaliha l-kelma "tvarja", qed tirrespingi l-appell kif lilha devolut, salv kull dritt li l-appellanti jista' talvolta jkollu fil-konfront tal-konvenuta l-ohra. L-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------